DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Lulju 2011

li taħtar l-Imħallfin għat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea

(2011/459/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 257(4) tiegħu,

Billi:

(1) Il-mandati tas-Sur Stéphane GERVASONI, tas-Sur Paul J. MAHONEY u tas-Sur Harissios TAGARAS, Imħallfin tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "Tribunal għas-Servizz Pubbliku"), ser jiskadu fit-30 ta' Settembru 2011.

(2) Saret sejħa pubblika għall-applikazzjonijiet [1] bil-ħsieb li jinħatru tliet imħallfin għat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għal perijodu ta' sitt snin.

(3) Il-kumitat previst fl-Artikolu 3(3) tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ltaqa' fit-13 u l-14 ta' Jannar, fit-3 u l-4 ta' Marzu kif ukoll fit-22 ta' Marzu 2011. Fi tmiem il-ħidma tiegħu, hu ta l-opinjoni tiegħu dwar l-idoneità tal-kandidati biex jeżerċitaw id-dmirijiet ta' Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u ma' din l-opinjoni hemeż lista ta' kandidati li għandhom l-esperjenza tal-ogħla livell l-aktar adatta.

(4) Għaldaqstant huwa meħtieġ li jinħatru tliet persuni minn fost dawk li jidhru fil-lista ta' kandidati msemmija hawn fuq, għall-perijodu mill-1 ta' Ottubru 2011 sat-30 ta' Settembru 2017, waqt li tiġi żgurata kompożizzjoni ekwilibrata tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fuq bażi ġeografika l-aktar wiesgħa possibbli minn fost iċ-ċittadini tal-Istati Membri u fir-rigward tas-sistemi ġuridiċi nazzjonali rappreżentati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura Mħallfin għat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea għall-perijodu mill-1 ta' Ottubru 2011 sat-30 ta' Settembru 2017:

— Is-Sur René BARENTS

— Is-Sur Kieran BRADLEY

— Is-Sur Ezio PERILLO

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

M. DOWGIELEWICZ

[1] ĠU C 163, 23.6.2010, p. 13.